Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 577/2013

tat-28 ta' Ġunju 2013

dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni tal-mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqassim u r-rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 178, 28.6.2013, p. 109)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1219/2014 tat-13 ta' Novembru 2014	L 329	23	14.11.2014

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 577/2013

tat-28 ta' Ġunju 2013

dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni tal-mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqassim u r-rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-moviment mhux kummerċjali ta' annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3), l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 13(1) u (2), l-Artikolu 21(2) u l-Artikolu 25(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi lejn Stat Membru minn Stat Membru ieħor jew minn territorju jew pajjiż terz, u r-regoli għall-kontrolli tal-konformità fuq movimenti ta' dan it-tip. Il-proposta tirrevoka u tissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE ([2]).

(2) Il-klieb, il-qtates u l-inmsa huma elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 576/2013, bħala speċi ta' annimali koperti minn dan ir-Regolament.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jipprovdi li l-frieħ tal-klieb, tal-qtates u tal-inmsa ma għandhomx jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru minn Stat Membru ieħor jew minn territorji jew pajjiżi terzi sakemm ma jkunux irċevew tilqima kontra l-idrofobija li tkun konformi mar-rekwiżiti tal-validità stipulati fl-Anness III tiegħu. Madankollu, il-moviment tal-klieb, tal-qtates u tal-inmsa li mhumiex mlaqqma jew li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-validità stipulati fl-Anness III tiegħu jista' jiġi awtorizzat minn Stati Membri jew minn territorji jew pajjiżi terzi elenkati skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013, fejn, *inter alia*, issid jew il-persuna awtorizzata tipprovdi dikjarazzjoni ffirmata li minn meta twieldu sal-ħin tal-moviment mhux kummerċjali tagħhom, l-annimali domestiċi ma ġewx f'kuntatt ma' annimali selvaġġi ta' speċijiet suxxettibbli għall-idrofobija. Huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti l-format, it-tqassim u r-rekwiżiti lingwistiċi għal dik id-dikjarazzjoni f'dan ir-Regolament.

([1]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1.

▼B

(4) Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jistipula li l-Kummissjoni għandha tadotta żewġ listi ta' territorji jew pajjiżi terzi li minnhom il-klieb, il-qtates jew l-inmsa jiġu mċaqilqa għal skopijiet mhux kummerċjali lejn Stat Membru mhumiex meħtieġa li jgħaddu mit-test tat-titrazzjoni tal-antikorpi tal-idrofobija. Waħda minn dawn il-listi għandha tinkludi dawk it-territorji jew pajjiżi terzi li jkunu wrew li japplikaw regoli li l-kontenut u l-effett tagħhom huma l-istess bħal dawk applikati mill-Istati Membri u l-lista l-oħra għandha tinkludi dawk it-territorji jew pajjiżi terzi li jkunu wrew li huma jissodisfaw mill-inqas il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013. Huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti dawk il-listi f'Anness ta' dan ir-Regolament.

(5) Barra minn hekk, dawk il-listi għandhom iqisu d-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja, skont liema l-Kroazja għandha ssir membru tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013 u skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2012/419/UE tal-11 ta' Lulju 2012 li temenda l-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea ([1]) li jipprovdi li mill-1 ta' Jannar 2014 il-Majott ma jibqax pajjiż jew territorju lil hinn mix-xtut li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għandu jsir reġjun ultraperiferiku skont it-tifsira tal-Artikolu 349 ta' dak it-Trattat.

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jipprovdi wkoll li l-klieb, il-qtates u l-inmsa ma għandhomx jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru minn territorju jew pajjiż terz għajr dawk elenkati f'Anness ta' dan ir-Regolament sakemm ma jkunx sarilhom test tat-titrazzjoni tal-antikorpi tal-idrofobija li jkun konformi mar-rekwiżiti tal-validità stipulati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 576/2013. It-tranżitu minn wieħed minn dawk it-territorji jew pajjiżi terzi madankollu mhuwiex suġġett għal dak it-test fejn is-sid jew il-persuna awtorizzata tipprovdi dikjarazzjoni ffirmata li l-annimali ma ġewx f'kuntatt ma' annimali ta' speċi suxxettibbli għall-idrofobija u jinzammu b'mod sikur fi ħdan mezz ta' trasport jew fil-perimetru ta' ajruport internazzjonali. Huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti l-format, it-tqassim u r-rekwiżiti lingwistiċi għal dik id-dikjarazzjoni f'dan ir-Regolament.

(7) Ir-rekwiżiti tal-validità stipulati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 jinkludu l-obbligu tat-twettiq ta' dak it-test f'laboratorju approvat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandarizazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija ([2]), li tipprovdi li l-laboratorju Agence française de sécurité sanitaire des aliments (AFSSA) ta' Nancy, Franza (li mill-1 ta' Lulju 2010 ġie integrat fl-Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail, ANSES) għandu jevalwa dawk il-laboraturji fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi għall-finijiet tal-awtorizzazzjoni tagħhom sabiex jagħmlu testijiet seroloġiċi biex isegwu l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija fil-klieb, fil-qtates u fl-inmsa.

([1]) ĠU L 204, 31.7.2012, p. 131.
([2]) ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40.

▼B

(8) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jipprovdi wkoll li l-klieb, il-qtates u l-inmsa mċaqilqa lejn Stat Membru minn Stat Membru ieħor għal skopijiet mhux kummerċjali għandhom ikunu akkumpanjati minn dokument tal-identifikazzjoni fil-format ta' passaport skont il-mudell li se jiġi adottat mill-Kummissjoni. Dak il-mudell għandu jkun fih entrati biex tiddaħħal l-informazzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 576/2013. Il-mudell u r-rekwiżiti addizzjonali tal-passaport għandu jkun stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament u, għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/803/KE tas-26 ta' Novembru 2003 li tistabbilixxi mudell ta' passaport tal-movimenti fil-Komunità ta' klieb, qtates u nemes ([1]) għandha tiġi mħassra.

(9) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jipprovdi wkoll li l-klieb, il-qtates u l-inmsa mċaqilqa lejn Stat Membru minn Stat Membru ieħor għal għanijiet mhux kummerċjali għandhom ikunu akkumpanjati minn dokument tal-identifikazzjoni fil-format ta' passaport tas-saħħa tal-annimali skont il-mudell li se jiġi adottat mill-Kummissjoni. Dak il-mudell għandu jkun fih entrati biex tiddaħħal l-informazzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 576/2013. Huwa għalhekk xieraq li jiġi stabbilit dak il-mudell f'Anness ta' dan ir-Regolament.

(10) B'deroga mill-format taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali stipulat fil-każ ta' moviment lejn Stat Membru minn territorju jew pajjiż terz, ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw il-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa minn territorju jew pajjiż terz li jkun ippruvat li japplika regoli li l-kontenut u l-effett tagħhom huma l-istess bħal dawk applikati mill-Istati Membri, fejn id-dokument tal-identifikazzjoni li jakkumpanjawhom jkun inħareġ f'konformità mal-proċedura prevista fil-każ ta' moviment lejn Stat Membru minn Stat Membru ieħor. Madankollu, huma meħtieġa numru ta' adattamenti tekniċi sabiex il-mudell tal-passaport li għandu jintuża f'dawn il-każijiet, f'dak li għandu x'jaqsam b'mod partikolari ma' karatteristiċi fuq il-paġna tal-qoxra li ma jistgħux jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti applikabbli għal passaporti maħruġa minn Stat Membru. Għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa għalhekk xieraq li jkun stabbilit mudell għal tali passaporti f'dan ir-Regolament.

(11) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jipprovdi li fejn in-numru ta' klieb, qtates jew inmsa li ġew imċaqilqa għal raġunijiet mhux kummerċjali jaqbeż il-ħamsa matul moviment uniku, ir-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa tal-annimali stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE ([2]) tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) ta' Direttiva 90/425/KEE għandhom japplikaw għal dawk l-annimali, għajr skont kundizzjonijiet speċifiċi u għal ċerti kategoriji ta' annimali.

(12) Barra minn hekk id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/839/KE tat-3 ta' Diċembru 2004 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet taċ-ċaqliq

([1]) ĠU L 312, 27.11.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

▼B

non-kummerċjali ta' klieb u qtates żgħar minn pajjiżi terzi għall-Komunità ([1]) u d-Deċiżjoni 2005/91/KE tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 2005 li tistabbilixxi l-perjodu li warajh it-tilqim kontra l-idrofobija/rabja huwa kkunsidrat bħala validu ([2]) ġew adottati sabiex jipprovdu għal regoli uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 998/2003. Ir-regoli stipulati f'dawk l-atti ġew riveduti u issa huma inkorporati fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 576/2013. Għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, id-Deċiżjonijiet 2004/839/KE u 2005/91/KE għandhom għalhekk jiġu mħassra.

(13) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali ([3]) tistipula r-regoli li għandhom jiġu osservati fil-ħruġ taċ-ċertifikati mitluba mil-leġiżlazzjoni veterinarja biex tiġi evitata ċ-ċertifikazzjoni qarrieqa jew falza. Huwa xieraq li jiġi żgurat li r-regoli u l-prinċipji tal-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dik id-Direttiva jiġu applikati mill-uffiċjali veterinarji tal-pajjiżi terzi.

(14) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011 tal-14 ta' Lulju 2011 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb ([4]) jipprovdi li mill-1 ta' Jannar 2012, klieb li jidħlu l-Istati Membri jew partijiet minnhom elenkati fl-Anness I tiegħu għandhom jiġu ttrattati kontra l-parassita *Echinococcus multilocularis* skont ir-rekwiżiti stipulati f'dak ir-Regolament.

(15) Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/146/KE tal-21 ta' Frar 2006 dwar ċerti miżuri protettivi rigward ċerti friefet-il-lejl tal-frott, klieb u qtates ġejjin mill-Malażja (Peniżola) u l-Awstralja ([5]) li tipprojbixxi l-importazzjonijiet ta' klieb u qtates mill-Malażja (Peniżola) u ta' qtates mill-Awstralja sakemm ma jintlaħqux ċerti kundizzjonijiet rigward il-mard Nipah u Hendra rispettivament.

(16) Dan ir-Regolament għandu japplika mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

(17) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Format, tqassim u rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 7, 11 u 12 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

1. Id-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 għandhom jitfasslu f'konformità mal-format u t-tqassim stipulat fil-Parti 1 tal-Anness

([1]) ĠU L 361, 8.12.2004, p. 40.
([2]) ĠU L 31, 4.2.2005, p. 61.
([3]) ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28.
([4]) ĠU L 296, 15.11.2011, p. 6.
([5]) ĠU L 55, 25.2.2006, p. 44.

▼B

I ta' dan ir-Regolament u għandhom jikkonformaw ma' r-rekwiżiti lingwistiċi stipulati fil-Parti 3 ta' dak l-Anness.

2. Id-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 għandhom jitfasslu f'konformità mal-format u t-tqassim stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti lingwistiċi stipulati fil-Parti 3 ta' dak l-Anness.

Artikolu 2

Listi ta' territorji u ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

1. Il-lista ta' territorji u pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 jidher fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. Il-lista ta' territorji u pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 jidher fil-Parti 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artiikolu 3

Mudell tal-passaporti għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates jew inmsa

1. Il-passaport imsemmi fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 għandu jitfassal f'konformità mal-format u t-tqassim stipulati fil-Parti 1 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti addizzjonali stipulati fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-passaporti maħruġa, skont il-punt (a) tal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013, f'wieħed mit-territorji jew pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament għandhom jitfasslu skont il-mudell stipulat fil-Parti 3 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fil-Parti 4 ta' dak l-Anness.

Artikolu 4

Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment mhux kummerċjali lejn l-Unjoni ta' klieb, qtates jew inmsa

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 għandu

(a) jkun imħejji f'konformità mal-mudell stipulat fil-Parti 1 tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(b) jimtela skont in-noti ta' spjegazzjoni stabbiliti fil-Parti 2 ta' dak l-Anness:

(c) jkun issuppplimentat minn dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 25(3) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 li għandha titfassal f'konformità mal-mudell stipulat fit-Taqsima A tal-Parti 3 ta' dak l-Anness u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti addizzjonali stipulati fit-Taqsima B tal-Parti 3 ta' dak l-Anness.

▼B

Artikolu 5

Revoki

Id-Deċiżjonijiet 2003/803/KE, 2004/839/KE u 2005/91/KE huma mħassra.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-29 ta' Diċembru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Format, tqassim u rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet

imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(2) u tal-Artikolu 11(2) u fil-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

PARTI 1

Format u tqassim tad-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(2) u tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

DIKJARAZZJONI

Jiena, is-sottoskritt

..... (1)

[sid jew persuna fiżika li għandha awtorizzazzjoni bil-miktub mis-sid biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi f'isem is-sid (2)]

niddikjara li mit-twelid sal-ħin tal-moviment mhux kummerċjali l-annimali domestiċi li ġejjin ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali selvaġġi ta' speċi suxxettibbli għall-marda tal-idrofbija:

Kodiċi alfanumeriku tat-transponder/tat-tatwaġġ (2)	Numru tal-passaport/taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali (2)

Post u data: Firma:

(1) għandu jimtela b'ittri kapitali.

(2) ħassar skont kif xieraq.

▼B

PARTI 2

Format, tqassim u rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

DIKJARAZZJONI

Jiena, is-sottoskritt

..... (1)

[sid jew persuna fiżika li għandha awtorizzazzjoni bil-miktub mis-sid biex twettaq moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi f'isem is-sid (2)]

niddikjara li matul it-tranżitu minn wieħed mit-territorji jew pajjiżi terzi għajr dawk elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 dawn l-annimali domestiċi ma ġewx f'kuntatt ma' annimali ta' speċi vulnerabbli għall-idrofobija u jinżammu b'mod sikur fi ħdan mezz ta' trasport jew fil-perimetru ta' ajruport internazzjonali (2):

Kodiċi alfanumeriku tat-transponder/tat-tatwaġġ (2)	Numru taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali

Post u data: Firma:

(1) għandu jimtela b'ittri kapitali.

(2) ħassar skont kif xieraq.

PARTI 3

Rekwiżiti lingwistiċi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(2) u tal-Artikolu 11(2) u fil-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

Id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu abbozzati fil-lingwi uffiċjali tal-Stat Membru tad-destinazzjoni/tad-dħul u bl-Ingliż.

▼M1

ANNESS II

Lista tat-territorji u l-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

Il-PARTI 1

Lista tat-territorji u l-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

Kodiċi ISO	Territorju jew pajjiż terz
AD	Andorra
CH	L-Isvizzera
FO	Il-Gżejjer Faeroe
GI	Ġibiltà
GL	Il-Groenlandja
IS	L-Islanda
LI	Il-Liechtenstein
MC	Monako
NO	In-Norveġja
SM	San Marino
VA	L-Istat tal-Belt tal-Vatikan

Il-PARTI 2:

Lista tat-territorji u l-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

Kodiċi ISO	Territorju jew pajjiż terz	Territorji inklużi
AC	Il-Gżira ta' Ascension	
AE	L-Emirati Għarab Magħquda	
AG	Antigwa u Barbuda	
AR	L-Arġentina	
AU	L-Awstralja	
AW	Aruba	
BA	Il-Bosnja-Ħerzegovina	
BB	Il-Barbados	
BH	Il-Baħrejn	
BM	Il-Bermuda	
BQ	Bonaire, Sint Eustatius u Saba (il-Gżejjer BES)	
BY	Il-Bjelorussja	
CA	Il-Kanada	
CL	Iċ-Ċilì	
CW	Curaçao	
FJ	Fiġi	

▼**M1**

Kodiċi ISO	Territorju jew pajjiż terz	Territorji inklużi
FK	Il-Gżejjer Falkland	
HK	Ħong Kong	
JM	Il-Ġamajka	
JP	Il-Ġappun	
KN	Saint Kitts u Nevis	
KY	Il-Gżejjer Kajman	
LC	Santa Luċija	
MS	Montserrat	
MK	Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	
MU	Il-Mawrizju	
MX	Il-Messiku	
MY	Il-Malasja	
NC	Il-Kaledonja Ġdida	
NZ	In-New Zealand	
PF	Il-Polineżja Franċiża	
PM	Saint Pierre u Miquelon	
RU	Ir-Russja	
SG	Singapor	
SH	Sant'Elena	
SX	Sint Maarten	
TT	Trinidad u Tobago	
TW	It-Tajwan	
US	L-Istati Uniti tal-Amerika	AS — Is-Samoa Amerikana GU — Gwam MP — Il-Gżejjer tal-Marjanas tat-Tramuntana PR — Puerto Rico VI — Il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti
VC	Saint Vincent u l-Grenadini	
VG	Il-Gżejjer Verġni Brittaniċi	
VU	Il-Vanwatu	
WF	Wallis u Futuna	

▼B


ANNESS III

Mudelli tal-passaporti għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates jew inmsa

PARTI 1


Mudell ta' passaport maħruġ fi Stat Membru







▼B


L-Unjoni Ewropea
[Stat Membru]
PASSAPORT TAL-ANNIMALI DOMESTĊI
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru
Paġna 1 minn X



Noti ta' spjegazzjoni dwar kif jimtlew il-passaporti
F'kull Taqsima tal-passaport għandu jintuża l-format li ġej biex jindika
— data: jj/xx/ssss
— ħin: 00:00
Taqsima III, il-punt 5: informazzjoni meħtieġa meta annimal ikun sarlu tatwaġġ li jista' jinqara faċilment qabel it-3 ta' Lulju 2011 u li mhuwiex immarkat bl-impjantazzjoni ta' transponder.
Taqsima V: meħtieġa biss
— qabel iċ-ċaqliq lejn Stat Membru ieħor skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali; jew
— meta l-annimal jerġa' jidħol fl-Unjoni wara ċaqliq lejn territorji jew pajjiżi terzi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali (għandha timtela qabel ma l-annimal iħalli l-Unjoni); jew
— iskont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.
Taqsima V, "validu minn 2": iinformazzjoni mhux meħtieġa għat-tilqim biex isaħħaħ it-tilqim li jkun sar qabel (booster).
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru


▼B


Noti ta' spjegazzjoni dwar kif jimtlew il-passaporti
• Taqsima VI: meħtieġa biss meta l-annimal jerġa' jidħol fl-Unjoni wara ċaqliq lejn territorji jew pajjiżi terzi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali (għandha timtela qabel ma l-annimal iħalli l-Unjoni);
• Taqsima VII: meħtieġa biss qabel iċ-ċaqliq lejn ċerti Stati Membri skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali;
• Taqsimiet VIII sa XI: tista' tkunmeħtieġa minn-territorji jew pajjiżi terzi tad-destinazzjoni li jaċċettaw il-passaport.
• Taqsima X: meħtieġa biss meta l-annimal jiġi akkumpanjat minn ċertifikat tas-saħħa skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali.
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru


I. DETTALJI TAS-SID
1. Isem:
Kunjom:
Indirizz:
Kodiċi postali:
Belt:
Pajjiż:
Numru tat-telefown*:
Firma:
2. Isem:
Kunjom:
Indirizz:
Kodiċi postali:
Belt:
Pajjiż:
Numru tat-telefown*:
Firma:
* fakultattiv
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru


▼B


II. DESKRIZZJONI TAL-ANNIMAL
RITRATT TAL-ANNIMAL
(fakultattiv)
1. Isem*: _____
2. Speċi: _____
3. Razza*: _____
4. Sess _____
5. Data tat-twelid*: _____
6. Kulur: _____
7. Kwalunkwe fattizza jew karatteristika partikolari jew li tista' tingħaraf: _____
_____
* kif iddikjarat mis-sid
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru



III. IMMARKAR TAL-ANNIMAL
1. Kodiċi alfanumeriku tat-transponder
_____
2. Data tal-applikazzjoni jew tal-qari* tat-transponder
_____
3. Fejn jinsab it-transponder
_____
4. Kodiċi alfanumeriku tat-tatwaġġ
_____
5. Data tal-applikazzjoni/data tal-qari tat-tatwaġġ
_____/_____
6. Fejn jinsab it-tatwaġġ
_____
L-immarkar għandu jkun ivverifikat qabel ma tiddaħħal reġistrazzjoni oħra f'dan il-passaport
* ħassar kif meħtieġ
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru

▼B


IV. ĦRUĠ TAL-PASSAPORT
Isem il-veterinarju awtorizzat:
Indirizz:
Kodiċi postali:
Belt:
Pajjiż:
Numru tat-telefown:
Indirizz elettroniku:
Data tal-ħruġ:
TIMBRU U FIRMA
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru


V. TILQIM KONTRA L-IDROFOBIJA
MANIFATTUR U L-ISEM TAL-VAĊĊIN
NUMRU TAL-LOTT
DATA TAT-TILQIM 1
VALIDU MINN 2
VALIDU SA 3
VETERINARJU AWTORIZZAT
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru
1
2
3
*
1
2
3
*
* Tal-anqas l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-firma.

▼B


Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru
1
2
3
*
1
2
3
*
1
2
3
*
* Tal-anqas l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-firma.


VI. TEST TAT-TITRAZZJONI TAL-ANTIKORPI TAL-IDROFOBIJA
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru
Jiena, hawn taħt iffirmat, nikkonferma li rajt rekord uffiċjali li jiddikjara li t-test tat-titrazzjoni tal-antikorpi tal-idrofobija mwettaq f'laboratorju approvat mill-UE fuq kampjun ta' demm miġbur fid-data msemmija hawn taħt mill-annimal deskritt aktar 'il fuq wera reazzjoni għat-tilqim kontra l-idrofobija f'livell ta' antikorpi newtralizzanti f'serum ugwali għal jew aktar minn 0,5 IU/ml.
Kampjun miġbur fi: _____
Isem il-veterinarju awtorizzat:
_____
Indirizz: _____
_____
Numru tat-telefown: _____
Data: _____
TIMBRU U FIRMA

▼B

FIL-KAŻ TA' TEST IEĦOR

Kodici ISO tal-Pajjiż + Numru

Jiena, hawn taħt iffirmat, nikkonferma li rajt rekord uffiċjali li jiddikjara li t-test tat-titrazzjoni tal-antikorpi tal-idrofobija mwettaq f'laboratorju approvat mill-UE fuq kampjun ta' demm miġbur fid-data msemmija hawn taħt mill-annimal deskritt aktar 'il fuq wera reazzjoni għat-tilqim kontra l-idrofobija f'livell ta' antikorpi newtralizzanti f'serum ugwali għal jew aktar minn 0,5 IU/ml.

Kampjun miġbur fi: _____

Isem il-veterinarju awtorizzat:

_____

Indirizz: _____

_____

Numru tat-telefown: _____

Data: _____


TIMBRU U FIRMA


VII. TRATTAMENT TA' KONTRA L-ECHINOCOCCUS

MANIFATTUR U L-ISEM TAL-PRODOTT	DATA[1] ĦIN[2]	VETERINARJU
	1 2	*TIMBRU U FIRMA*
	1 2	*TIMBRU U FIRMA*
	1 2	*TIMBRU U FIRMA*


Kodici ISO tal-Pajjiż + Numru


▼B


Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA



VIII. TRATTAMENTI ANTIPARASSITIĊI U FIRMAI OĦRAJN
MANIFATTUR U L-ISEM TAL-PRODOTT
DATA[1] ĦIN[2]
VETERINARJU
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA


▼B


Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA



IX. TILQIMIET OĦRAJN
MANIFATTUR U L-ISEM TAL-VAĊĊIN
NUMRU TAL-LOTT
DATA TAT-TILQIM[1] VALIDU SA[2]
VETERINARJU
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA


▼B


Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA
1
2
TIMBRU U FIRMA


X. EŻAMI KLINIKU
DIKJARAZZJONI
DATA
VETERINARJU AWTORIZZAT
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru
L-annimal ma juri l-ebda sinjal ta' mard u huwa fi stat tajjeb biex jiġi ttrasportat għall-vjaġġ maħsub
L-annimal ma juri l-ebda sinjal ta' mard u huwa fi stat tajjeb biex jiġi ttrasportat għall-vjaġġ maħsub
L-annimal ma juri l-ebda sinjal ta' mard u huwa fi stat tajjeb biex jiġi ttrasportat għall-vjaġġ maħsub
L-annimal ma juri l-ebda sinjal ta' mard u huwa fi stat tajjeb biex jiġi ttrasportat għall-vjaġġ maħsub
*
*
*
*
* Tal-anqas l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-firma.


▼B


XI. LEGALIZZAZZJONI
KORP LI JILLEGALIZZA
DATA
TIMBRU/ FIRMA
Kodici ISO tal-Pajjiż + Numru
TIMBRU U FIRMA
TIMBRU U FIRMA
TIMBRU U FIRMA
TIMBRU U FIRMA


XII. OĦRAJN
Kodici ISO tal-Pajjiż + Numru

▼B





▼B

PARTI 2

Rekwiżiti addizzjonali li jikkonċernaw il-passaport maħruġ fi Stat Membru

1. Format tal-passaport:

Id-dimensjoni tal-passaport għandu jkun 100 × 152 mm.

2. Qoxra tal-passaport:

(a) Il-qoxra ta' quddiem:

(i) kulur: ikħal (PANTONE® Reflex Blue) u stilel sofor (PANTONE® Yellow) fil-kwart ta' fuq li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni tal-emblema Ewropea ([1]).

(ii) il-kliem "Unjoni Ewropea" u l-isem tal-Istat Membru tal-ħruġ għandhom ikunu stampati bl-istess tipa;

(iii) il-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-Istat Membru tal-ħruġ segwit minn kodiċi alfanumeriku uniku (indikat bħala "numru" fil-mudell tal-passaport stabbilit fil-Parti 1), għandu jkun stampat isfel.

(b) Ġewwa l-qoxra ta' quddiem u ġewwa l-qoxra ta' wara: kulur abjad;

(c) Il-qoxra ta' wara: kulur ikħal (PANTONE® Reflex Blue).

3. Sekwenzi tal-intestaturi u tan-numerazzjoni tal-paġni tal-passaport:

(a) is-segwenza tal-intestaturi (b'numri Rumani) għandhom ikunu osservati b'mod strett;

(b) il-paġni tal-passaport għandhom ikunu nnumerati fil-qiegħ ta' kull paġna fil-format li ġej: "x minn n", fejn x huwa l-paġna attwali u n huwa n-numru totali tal-paġni tal-passaport;

(c) il-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-Istat Membru tal-ħruġ segwit minn kodiċi alfa-numeriku uniku għandhom ikunu stampati fuq kull paġna tal-passaport;

(d) in-numru ta' paġni u d-daqs u l-forma tal-kaxxi fil-mudell tal-passaport stabbilit fil-Parti 1 huma indikattivi.

4. Lingwi:

It-test stampat kollu għandu jkun fil-lingwa(i) uffiċjali tal-Istat Membru tal-ħruġ u bl-Ingliż.

5. Karatteristiċi tas-sigurtà:

(a) Wara li l-informazzjoni meħtieġa tkun iddaħħlet fit-Taqsima III tal-passaport, laminat adeżiv trasparenti għandu jissiġilla l-paġna.


(b) Fejn l-informazzjoni fuq waħda mill-paġni tal-passaport tieħu l-forma ta' stiker, laminat adeżiv trasparenti għandu jissiġilla dak l-istiker fil-każ fejn dan tal-aħħar ma jispiċċax awtomatikament meta jitneħħa.


([1]) Gwida tal-grafika tal-emblema Ewropea: http://publications.europa.eu/code/mt/mt-5000100.htm

▼B

PARTI 3


Mudell ta’ passaport maħruġ f’wieħed mit-territorji jew mill-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II ta’ dan ir-Regolament





▼B


[Emblema nazzjonali]
[Territorju jew pajjiż terz]
PASSAPORT TAL-ANNIMALI DOMESTIĊI
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru
Paġna 1 minn X


Noti ta' spjegazzjoni dwar kif jimtlew il-passaporti
• F'kull Taqsima tal-passaport għandu jintuża l-format li ġej biex jindika
— data: jj/xx/ssss
— ħin: 00:00
• Taqsima III, il-punt 5: informazzjoni meħtieġa meta annimal ikun sarlu tatwaġġ li jista' jinqara faċilment qabel it-3 ta' Lulju 2011 u li mhuwiex immarkat bl-impjantazzjoni ta' transponder.
• Taqsima V: meħtieġa biss
— qabel iċ-ċaqliq lejn Stat Membru/… ieħor skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali; jew
— meta l-annimal jerġa' jidħol fl-Unjoni/… wara ċaqliq lejn territorji jew pajjiżi terzi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali (għandha timtela qabel ma l-annimal iħalli l-Unjoni/…); jew
— skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.
• Taqsima V, 'validu minn': informazzjoni mhux meħtieġa għat-tilqim biex isaħħaħ it-tilqim li jkun sar qabel (booster).
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru

▼B

Noti ta' spjegazzjoni dwar kif jimtlew il-passaporti

- Taqsima VI: meħtieġa biss meta l-annimal jerġa' jidħol fl-Unjoni/… wara ċaqliq lejn territorji jew pajjiżi terzi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali (għandha timtela qabel ma l-annimal iħalli l-Unjoni/…).

